MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru 448/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

Vs

Melvin Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numbru 0280686(M), akkuzat talli:

1. Iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati, u cioe’ karti ta’ LM10 (ghaxar liri Maltin), u LM2 (zewgt liri Maltin) li kien jaf li huma iffalsifikati u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Fil-granet ta’ qabel il-11 u it-13 ta’ Mejju 2005 minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew

kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta’ flus iffalsifikati, li kien jaf li l-istess kienu iffalsifikati, u cioe’ karti tal-LM10 (ghaxar liri Maltin), u LM2 (zewgt liri Maltin) u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fl-istess dati, hin u cirkostanzi ghamel uzu jew xjentement kellu fil-kustodja jew fil-pussess tieghu xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala karta specjali bhal dik provduta u uzata ghall-eghmil ta’ xi biljett ta’ flus, jew ta’ xi karta specjali u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 47(a), tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Fl-istess dati, hin u cirkostanzi uza jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tieghu xi karta li kellha fuqha xi kliem figuri, ittri, marki, linji jew disinji jkunu gew stampati jew b’xi mod iehor u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu 47(e) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Fi granet qabel it-13 ta’ Mejju 2005 iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jistgha jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Fil-granet ta’ qabel it- 13 ta’ Mejju 2005 gewwa il-Gzejjer Maltin xjentement ghamel uzu minn flus foloz, u dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat, u cioe’ karti ta’ l-LM10 (ghaxar liri Maltin) u LM2 (zewgt liri Maltin) foloz u dan kollu bi ksur tal-artikolu 189, tal-kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Matul iz-zminijiet imsemmija fl-akkuzi ta’ qabel din b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja

kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, u dan kolu bi ksur ta' l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Talli matul iz-zmien imsemmi fl-akkuzi precidenti, bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qligh iehor b'qerq, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 309, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali (fol 66);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat qeghdha issib htija fl-imputat tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Illi l-akkuzi skond l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali huma:

– Taht l-Artikoli 45, 46, 47(a)(e) tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta (Kap 204) fil-konfront ta' falsifikazzjoni, tmexxija u pussess ta' flus foloz.

– Taht l-Artikoli 167, 169 u 189 tal-Kap 9 fil-konfront ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, uzu ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern u atti ta' falsifikazzjonijiet ohra.

– Taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 fil-konfront tat-truffa.

– Taht l-Artikoli 49 u 50 fil-konfront tar-recidiva.

Wara li rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 qeghdha l-Qorti tiddecidi fil-waqt li tiddikjara l-imputat hati ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin sakemm l-imputat ma jekkommettix reat iehor f'dan il-perjodu operattiv.

Illi l-Artikolu 533 mhux applikabbli f’dan il-kaz billi l-ebda esperti ma jirrisultaw li gew nominati.

Fl-ahharnett il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------